# WERREJ


1. Ir-Ritratt ta' Kunċett u Marinton 9
2. Ġurnata ħdejn il-Baħar 14
3. Marinton Taqbeż fil-Bir 22
4. Il-Fiera tar-Raħal 28
5. Marinton Tilgħabha tal-Ħares 37
6. Kunċett u l-Ġiġġifogu 44
7. Bawxata tal-Milied 52
8. Marinton u l-Pakkett 59
9. Il-Lotterija 66
10. Il-Mewta ta' Kunċett 74
11. Il-Važett tal-Bużbużnannu 79
12. Il-Wegħdi ta' Kunċett 86
13. Il-Fanal ta' Marinton 92
14. Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann 98
15. Kunċett u Marinton Imorru Tieġ 105
16. L-Ewwel Xita 114
17. Ġirja mal-Belt 122
18. Il-Ħolma ta' Kunċett 130
19. Passiġġati Billejl 136
20. Spiritieri u Ritratti 144
21. Lira jew Tnejn 153
22. Salvinu ta' Dolor 161
23. Marinton u t-Teatrin 168
24. L-Aħħar Ħolma 178

## IR-RITRATT TA' KUNĊETT U MARINTON

Kunċett u Marinton kienu tewmin. Stenna ftit; xejn taħseb li b'tewmin irrid infisser li kienu jixxiebhu. Meta kienu żgħar jgħidu li kienu wiċċ wieħed, iżda issa li qabżu s-sittin, Kunċett u Marinton saru qishom il-lejl u n-nhar.

U jekk fi tfulithom kienu wiċċ wieħed, żgur li qatt ma kienu ta' fehma waħda. Dak li għal Kunċett hu iswed għal Marinton jidher abjad silġ; u dak li jferraħ lil waħda malajr iqarras lill-oħra. Imma b'dana kollu kienu qishom id-dell ta' xulxin, u meta jkunu jitkellmu mal-barranin taħsibhom xi żewġ anġli li dak li tgħid waħda jkun vanġelu għall-oħra. Imma min kien jafhom



sewwa, bħal, ngħidu aħna, Nata ta' biswithom, kien jaf tajjeb bid-divrenzja kbira ta' bejniethom.

Kunċett u Marinton kienu tewmin, iżda kulħadd kien jaħlef li Kunċett kienet dawk it-tliet snin akbar minn oħtha. Mhux biss għax kienet tidher ixjeħ imma wkoll għax Kunċett kienet ir-ras tad-dar. Hi kienet taħseb għat-tisjir, għall-ilbies, għat-tindif, u fuq kollox, kif jonfqu dik ix-xi ħaġa li kellhom imwarrba. Iżda taħsibx li Marinton kienet tbaxxi rasha għal kulma kienet tgħid oħtha … xejn minn dan! Marinton kienet tħalli lil oħtha tħawwad hi biex ma tgħabbix moħħha bi ħsibijiet żejda.

Kunċett kienet qasira u ħoxna, u meta kienet titkellem ġol-għonnella kienet tkun qisha pastur tal-presepju: pastur li għal xi raġuni jew oħra ma ħariġx sabiħ u mirqum kif kellu joħroġ.

Xagħarha kien abjad qotna u wiċċha kbir u mfaqqa' mimli tikmix u tiflil. Imma jekk wiċċha kien kbir u mfaqqa' lanqas ma kien vojt għax kien maħkum minn biċċa ta' ħalq li meta jinfetaħ għal xi titwiba kien ifakkrek f'Għar Dalam. U ħaġa minn ewl id-dinja, ma' dak il-ħalq kollu kien jixraq imnieħer qasir u miftuħ bħal tas-suwed. U la semmejna s-suwed ta' min jgħid li Kunċett xejn ma kienet kampjun tan-nies Ewropej. Li kieku titlaqha ġo folla Għarab mhux żgur tagħrafha minnhom.

Oħtha kienet ftit itwal minnha, imma kienet niexfa

għuda. L-għadmiet ta' ħaddejha kienu mqabbżin ġmielhom u t-tikmix fuq ġbinha ma kienx anqas minn ta' Kunċett. Marinton kienet imkabbra wisq b'xuxitha, għax għad li kienet imżewqa bl-abjad 'l hawn u 'l hinn, ma kinetx saret qotna bħal ta' Kunċett. Il-lewn qastni ta' tfulitha kienet għadha ma tilfitux għalkollox. Minkejja żmienha, Marinton kienet għadha mserdqa u fuq tagħha. Għall-faċendi ma kinetx tinqala' wisq, imma biex taqdi u tixtri u titla' sal-Belt meta jkun hemm bżonn kont issibha minn ta' quddiem. Imbagħad jekk il-Kappillan ilaqqa' pellegrinaġġ għall-Madonna tal-Mellieħa, jew jekk tal-każin imorru d-dawra ta' Malta, Marinton kienet tkun minn tal-ewwel fil-lista.

B'dal-kelmtejn qed nittanta nagħtikom xbieha ħajja ta' Kunċett u Marinton, iżda jekk tridu tarawhom aħjar aslu wasla s'għandi u nurikom ritratt li kienu ħadu meta għalqu l-ħamsin. Kunċett tidher bilqiegħda ġo pultruna goffa b'libsa tal-ħarir marsusa magħha. M'għonqha salt ħnienaq tad-deheb u sidirha mżejjen b'filliera labar li mad-daqqa t'għajn taħsibhom il-midalji ta' xi fizzjal. Idha l-leminija mistrieħa fuq driegħ il-pultruna, waqt li fix-xellugija żżomm imrewħa nofsha miftuħa. Saqajha moħbija bid-dublett twil twil, jidher biss żarbun tqil b'takkuna ħoxna tiżen ratal. Bilwieqfa warajha hemm Marinton b'idejha t-tnejn fuq dahar il-pultruna ta' Kunċett, b'nofs tbissima mqanżħa li dak tar-ritratti ġegħelha xxidd.



Meta tħares lejn ir-ritratt tistħajjel li Kunċett se toħroġ minn ġol-kartuna u tiggranfak, iżda meta ddawru tintebaħ li meta ħadu r-ritratt ma kinux inkwetati, għax b'linka mitfija għadek tista' taqra l-kelmiet:

*"Maria Concetta u Maria Antonia b'tifcira aziza ta' ferh u hena f'eluk il-50 sena."*